Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10679 — TELEFONICA / PONTEGADEA / TELXIUS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 142/07)

1. Fit-22 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Telefónica, S.A. ("Telefonica", Spanja),

— Pontegadea Inversiones, S.L. ("Pontegadea", Spanja),

— Telxius Telecom, S.A. ("Telxius", Spanja), bħalissa kkontrollata bi sħab minn Telefonica u Taurus Bidco S.à.r.l.

Telefónica u Pontegadea jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Telxius.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Telefónica: kumpanija tat-telekomunikazzjonijiet globali li tħaddem networks tat-telekomunikazzjonijiet fissi u taċ-ċellulari. Telefónica toffri servizzi tat-telefon ċellulari, telefonija fissa, internet u televiżjoni b'għadd ta' ismijiet tad-ditta, fosthom Movistar, O2 u Vivo;

— Pontegadea: attiva prinċipalment fis-settur tat-tessuti u f'investimenti tal-proprjetà immobbli;

— Telxius: tħaddem network internazzjonali ta' cables tal-fibra ottika taħt il-baħar b'kapaċità għolja, tipprovdi konnettività diretta għall-internet u toffri firxa ta' servizzi ta' kapaċità fin-network tagħha, bħalma huma konnessjonijiet minn punt għal punt b'bandwidth apposta.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10679 — TELEFONICA / PONTEGADEA / TELXIUS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË